**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta’ Novembru 2024**

Rikors Numru: 271/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 2042/1996)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-4 ta' Jannar (Dok A), 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal DB li twieldet fit-13 ta' Ottubru 1997 u EFB li twieled fil-16 ta' Gunju 1999.

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat it-30 ta' Mejju 2004 (Ara Dok. B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separate de facto ghal zmien twil, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut versu l-bzonnijiet ta' wlied il-kontendenti stante li dawn ghandhom 27 u 25 sena rispettivament.

5. Illi inoltre skond l-Artikolu 2(g) tal-istess kuntratt ta` separazzjoni personali l-partijiet reciprokament ddekadew mid-dritt illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.

6. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Gunju 2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.